

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-obbligu ta' motivazzjoni previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni sa fejn il-Kummissjoni Ewropea rrifjutat li tadotta proposta għal test leġiżlattiv wara l-preżentazzjoni tal-inizjattiva valida taċ-ċittadini "Minority SafePack – miljun firma għad-diveritā fl-Ewropa".

---

### Rikors ippreżentat fit-30 ta' Marzu 2021 – Magnetec vs EUIPO (Blu ċar)

(Kawża T-168/21)

(2021/C 217/61)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrent: Magnetec GmbH (Langenselbold, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Kloth, R. Briske u D. Ħabel, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Trade mark kontenjuha kkonċernata:* ir-reġistrazzjoni tat-trade mark bil-kulur tal-Unjoni (Blu ċar) – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 022 608

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-18 ta' Jannar 2021 fil-Każ R 217/2020-4

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, inklużi dawk tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.

### Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 49(1) flimkien mal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

### Rikors ippreżentat fis-26 ta' Marzu 2021 – The Smiley Company vs EUIPO – SC Ħa Ħa Ħa Production (SMILEY)

(Kawża T-169/21)

(2021/C 217/62)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrent: The Smiley Company SPRL (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: B. Fontaine, avukat)